MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 491/2011

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Francois Ellul**
**ID-113989(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf erba' mija u hames Ewro u tnax-il centezmu (€1,405.12c), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess intimat a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat bhala "Dok. A" u "Dok. B").

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u hames Ewro u tnax-il centezmu (€1,405.12c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------